

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10351/22

EF 173
ECOFIN 631
DELECT 95

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3800 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 14.6.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tekniċi tal-ittestjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni u tal-profit u t-telf skont l-Artikoli 325bf u 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3800 final.

Mehmuż: C(2022) 3800 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.6.2022
C(2022) 3800 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.6.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tekniċi tal-ittejtjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni u tal-profitt u t-telf skont l-Artikoli 325bf u 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikoli 325bf(9) u 325bg(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara l-preżentazzjoni tal-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) 1093/2010, rispettivament, atti delegati li jispeċifikaw l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet reali u ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' istituzzjoni għall-finijiet tal-ittejtjar retrospettiv; u atti delegati li jispeċifikaw il-kriterji meħtieġa biex jiżguraw li l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar ikunu qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf; il-konsegwenzi għal istituzzjoni fejn daww il-bidliet ma jkunux qrib biżżejjed; il-frekwenza li biha għandu jitwettaq it-test tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf minn istituzzjoni, l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet teoretiċi u ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għall-finijiet tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf; il-mod li bih l-istituzzjonijiet li jużaw il-mudell intern għandhom jaggregaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji totali għar-riskju tas-suq għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar tagħhom u l-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom li huma soġġetti għal riskju tar-rata tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-Profitt u tat-Telf.

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabilixxi l-EBA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta jasal l-abbozz tal-istandards tekniċi jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati jew le. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkun jesiġu hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f'daww l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE għamlet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Fis-27 ta' Ġunju 2019 ġie ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni fis-sit elettroniku tal-ABE u l-konsultazzjoni pubblika għalqet fl-4 ta' Ottubru 2019. Barra minn hekk, l-EBA stiednet lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati tal-EBA stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex jagħti parir dwarhom. Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluża l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji, b'rabta mal-abbozz tal-istandards tekniċi sottomessi lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija disponibbli fuq <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/market-risk/draft-technical-standards-on-the-ima-under-the-rtb>, paġni 41 - 46 tal-Abbozzi Finali tal-Istandards Tekniċi Regolatorji.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-abbozzi finali ta' standards tekniċi jispeċifikaw l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet reali u ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' istituzzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 325bf tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għaldaqstant, isiru speċifikazzjonijiet kemm għall-

ittestjar retrospettiv imwettaq fil-livell tal-post tan-negożjar imsemmi fl-Artikolu 325bf(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll għall-ittestjar retrospettiv fil-livell tal-istituzzjoni msemmi fl-Artikolu 325bf(6) ta' dan ir-Regolament. F'dan il-kuntest, l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jidentifikaw qafas speċifiku fir-rigward tal-inklużjoni ta' aġġustamenti fil-bidliet reali u ipotetiċi, u trattament speċifiku għal kull effett li huwa rilevanti fil-komputazzjoni ta' dawn il-bidliet.

Għall-finijiet tar-rekwiżit ta' attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf fl-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawn l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jstabbilixxu li l-metrika tat-test ta' Kolmogorov Smirnov u l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman jikkostitwixxu l-bażi għad-determinazzjoni tal-kriterji li jiżguraw li l-bidliet teoretiċi jkunu qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetiċi. Wara l-kalkoli ta' dawk il-metriċi, l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jallokaw postijiet tan-negożjar f'żoni li għalihom jikkorrispondu konsegwenzi speċifiċi.

Dawn l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jispeċifikaw li l-bidliet teoretiċi għandhom jinkludu biss bidliet fil-fatturi ta' riskju kollha inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji li għalihom l-istituzzjonijiet japplikaw ix-xenarji ta' xokkijiet futuri għall-fini tal-kalkolu tal-kejl tar-riskju ta' nuqqas mistenni jew il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' kriżi. Isiru speċifikazzjonijiet oħra biex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf, pereżempju fir-rigward tal-funzjonijiet tal-ipprezzar li għandhom jintużaw meta jiġu kkalkolati l-bidliet teoretiċi.

Barra minn hekk, l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jipprevedu li l-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ikkalkolati għall-fini tar-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv għandhom ikunu l-istess bħal dawk ikkalkolati għall-fini tar-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf.

Fil-kuntest tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf, l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jidentifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom l-istituzzjonijiet jistgħu jallinjaw id-data tal-input użata fil-komputazzjoni tal-bidliet teoretiċi ma' dawk użati fil-komputazzjoni tal-bidliet ipotetiċi.

Fl-aħħar nett, dawn l-abbozzi finali ta' standards tekniċi jispeċifikaw il-frekwenza tat-testijiet tal-attribuzzjoni tal-Profitt u t-Telf u l-formula tal-aggregazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-istandards regolatorji internazzjonali.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.6.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tekniċi tal-ittestjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni u tal-profitt u t-telf skont l-Artikoli 325bf u 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 325bf(9), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 325bg(4), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 325bf(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jgħoddu l-qbiż fil-valur ta' kuljum fuq il-bażi ta' ttestjar retrospettiv tal-bidliet ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll tagħhom magħmul mill-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-postijiet tan-negozjar tagħhom. Tali ttestjar retrospettiv huwa maħsub biex jivvaluta, skont il-livell li fih jitwettag, jekk ikunx xieraq li jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet f'post tan-negozjar bl-użu tal-approċċ ta' mudell intern alternattiv, u jekk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji assoċjati ma' fatturi ta' riskju li jistgħu jiġu mmudellati jkunux adegwati. L-Artikolu 325bf(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jużaw il-valur ta' tmiem il-jum tal-portafoll bħala punt tat-tluq għal tali ttestjar retrospettiv, inklużi l-aġġustamenti kollha, bħal riżervi jew kwalunkwe aġġustament tal-valutazzjoni.
- (2) Fl-ittestjar retrospettiv tan-numru tal-valur fir-riskju, xi effetti tar-riskju tas-suq li ma jinqabdux mill-mudell intern tal-kejl tar-riskji xorta jenħtieġ li jiġu inklużi fil-bidliet reali fil-valur tal-portafoll. Għaldaqstant, l-aġġustamenti kollha relatati mar-riskju tas-suq, irrISPETTIVAMENT mill-frekwenza li biha jiġu aġġornati mill-istituzzjonijiet, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-bidliet reali fil-valur tal-portafoll. Madankollu, l-ittestjar retrospettiv tan-numru tal-valur fir-riskju bil-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll, jenħtieġ li jitwettag taħt is-suppożizzjoni ta' portafoll statiku. Għalhekk, fil-komputazzjoni ta' dawn il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jinkludu biss dawk l-aġġustamenti li jiġu kkalkolati ta' kuljum u li huma inklużi fil-mudell intern tal-kejl tar-riskji.
- (3) F'xi każijiet, huwa possibbli li, minħabba n-natura ta' aġġustament u minħabba l-ġestjoni interna tar-riskju applikabbli għal dak l-aġġustament, dan tal-aħħar jiġi kkalkolat fuq settijiet ta' pożizzjonijiet li huma assenjati lil aktar minn post wieħed tan-negozjar. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni madwar l-Unjoni, meta l-

¹ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

istituzzjonijiet jikkalkolaw il-bidliet reali u ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, jenħtieġ li jintalbu li jew jikkalkolaw mill-ġdid tali aġġustament għal kull post tan-negozjar fuq il-bażi awtonoma tal-pożizzjonijiet assenjati lill-post tan-negozjar biss, jew, fejn jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi, li jirriflettu l-bidliet li jirriżultaw minn tali aġġustament biss fil-kuntest tal-ittejtjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għaldaqstant, meta l-istituzzjonijiet iwettqu l-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum biex jiksbu l-valuri tal-portafoll ta' tmiem il-jum tal-postijiet tan-negozjar, dawn jenħtieġ li ma jkunux permessi, meta jikkalkolaw bidliet ipotetiċi u reali fil-livell tal-post tan-negozjar, li jallokaw l-aġġustament lill-postijiet tan-negozjar b'mod li jkun proporzjonat għall-kontribuzzjoni ta' kull wieħed mill-postijiet tan-negozjar għall-valur tal-aġġustament.

- (4) Ir-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf stabbilit fl-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu rwol prominenti fl-iżgurar li l-bidliet teoretiċi u l-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar ikunu qrib biżżejjed. It-testijiet statistiċi inklużi fl-istandards internazzjonali żviluppata mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman u l-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov, biex ir-rekwiżit ta' attribuzzjoni tal-profitt u t-telf jiġi operazzjonalizzat huma xierqa għal dak il-għan u għalhekk jenħtieġ li jintużaw mill-istituzzjonijiet.
- (5) Fl-istandards internazzjonali, huwa stabbilit li l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jissodisfaw rekwiżit kapitali addizzjonali fejn il-bidliet teoretiċi u ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-postijiet tan-negozjar ma jkunux qrib biżżejjed. F'dik is-sitwazzjoni, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jkun meħtieġa jikkalkolaw u jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti dak ir-rekwiżit kapitali addizzjonali għal dawk il-postijiet tan-negozjar.
- (6) Meta jirrapportaw ir-riżultati tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf f'konformità mal-Artikolu 325az(2)(d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jenfasizzaw ukoll fejn il-bidliet ipotetiċi u l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar ikunu materjalment differenti. Dan jenħtieġ li jgħin lill-istituzzjonijiet jidentifikaw nuqqasijiet potenzjali fil-kalkolu tal-bidliet teoretiċi.
- (7) Meta tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf, il-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll jitqabblu ma' bidliet ipotetiċi li jiġu kkalkolati taħt is-suppożizzjoni ta' portafoll statiku. Dak it-tqabbil għandu l-għan li jidentifika l-materjalità tad-differenzi fil-proċessi ta' valutazzjoni tal-mudell tal-kejl tar-riskji tal-istituzzjoni li jipproduċu l-bidliet teoretiċi, u l-proċessi ta' valutazzjoni tas-sistemi interni tal-istituzzjoni li jipproduċu l-bidliet ipotetiċi. Sabiex jiġi żgurat li t-tqabbil ma jiġix affettwat mill-bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll, il-bidliet teoretiċi għall-valur tal-portafoll użat fir-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf jenħtieġ li jiġu kkalkolati wkoll taħt is-suppożizzjoni ta' portafoll statiku.
- (8) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-istandards internazzjonali, il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll li jiġu kkalkolati għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf jenħtieġ li jiġu allinjati mal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll, li istituzzjoni tikkalkula għall-finijiet tal-ittejtjar retrospettiv.
- (9) Id-differenzi bejn il-proċessi ta' valutazzjoni li jipproduċu bidliet ipotetiċi u teoretiċi fil-valur tal-portafoll jistgħu jirriżultaw minn ommissjonijiet ta' ċerti fatturi ta' riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskji jew simplifikazzjonijiet tal-mudell tal-kejl tar-riskji. Differenzi oħra jistgħu jirriżultaw minn nuqqas ta' allinjament fid-data li istituzzjoni tuża bħala inputs għad-determinazzjoni tal-valur tal-portafoll tagħha. Sabiex jiġu evitati sorsi addizzjonali ta' diskrepanzi li jirriżultaw minn tali differenzi fid-data tal-

input, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jitħallew jallinjaw id-data tal-input diment li jiġu ssodisfati xi kundizzjonijiet speċifiċi.

- (10) Il-frekwenza li biha għandhom jiġu rrapportati r-riżultati tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf jenħtieġ li tiġi allinjata mal-frekwenza li biha jiġi vvalutat kemm il-fatturi tar-riskju jistgħu jiġu mmudellati, u l-frekwenza li niha jiġu rrapportati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. B'dak il-mod, l-istituzzjonijiet se jkun jistgħu jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq abbażi ta' riżultati konsistenti għar-rekwiżiti tal-ittejtjar retrospettiv, ir-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf u l-valutazzjoni tal-mudellabbiltà.
- (11) Il-mod li bih l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiġbru flimkien ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom għar-riskju tas-suq jenħtieġ li jiġi allinjat mal-istandards internazzjonali. Għalhekk, il-formula ta' aggregazzjoni jenħtieġ li tirrifletti r-riżultati tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf, inkluż ir-rekwiżit kapitali addizzjonali fejn il-bidliet teoretiċi u ipotetiċi ma jkunux qrib biżżejjed. Barra minn hekk, il-formula ta' aggregazzjoni jenħtieġ li tirrifletti tnaqqis fil-benefiċċji tad-diversifikazzjoni fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal post tan-negozjar jiġu kkalkolati bl-approċċ standardizzat alternattiv u mhux bl-approċċ alternattiv ta' mudell intern.
- (12) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu meġhuna jivverifikaw il-konformità tal-istituzzjonijiet ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jiddokumentaw l-implimentazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament.
- (13) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib ma' xulxin, peress li kollha jittrattaw elementi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet ta' valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq bl-użu tal-approċċ alternattiv tal-mudell intern. Biex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, biex jiġi ffaċilitat fehim komprensiv ta' dawk id-dispożizzjonijiet u biex jiġi żgurat aċċess faċli għalihom minn persuni soġġetti għall-obbligi stabbiliti fihom, ikun tajjeb li jiġu inklużi l-istandards tekniċi regolatorji kollha meħtieġa mill-Artikolu 325bf(9), it-tielet subparagrafu, u mill-Artikolu 325bg(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'Regolament wieħed.
- (14) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-EBA.
- (15) L-ABE wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²,

² Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2020, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

ELEMENTI TEKNIĊI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIL-BIDLJET REALI U IPOTETIĊI FIL-VALUR TAL-PORTAFOLL GĦALL-FINIJIET TAR-REKWIŻITI TAL-ITTESTJAR RETROSPETTIV

TAQSIMA 1

ELEMENTI TEKNIĊI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIL-BIDLJET REALI FIL-VALUR TAL-PORTAFOLL

Artikolu 1

Elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidlijiet reali fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għar-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv imwettqa fil-livell ta' postijiet tan-negozjar

1. Għall-finijiet tal-ittestjar retrospettiv tal-post tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 325bf(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidlijiet reali fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar billi jużaw l-istess tekniki, inklużi l-istess metodi ta' pprezzar, il-parametrizzazzjonijiet tal-mudell u d-data tas-suq, bħal dawk użati fil-proċess li jintuża għall-kalkolu tal-valuri ta' tmiem il-jum ("il-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum"), inklużi r-riżultati tal-verifika indipendenti tal-prezz imsemmija fl-Artikolu 105(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
2. Meta jikkalkolaw il-bidlijiet reali fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, l-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-bidlijiet fil-valur ta' dak il-portafoll li huma dovuti għall-mogħdija taż-żmien.
3. Meta jikkalkolaw il-bidlijiet reali fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, f'dak il-valur l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu dawk l-aġġustamenti kollha li jkunu ġew ikkunsidrati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-ġurnata msemmi fil-paragrafu 1 u li huma relatati mar-riskju tas-suq, bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti kollha li ġejjin:
 - (a) aġġustamenti fil-valutazzjoni tal-kreditu li jirriflettu l-valur attwali tas-suq tar-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet għall-istituzzjoni;
 - (b) aġġustamenti attribwiti għar-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni li jkunu ġew esklużi mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 33(1), il-punt (b) jew (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (c) aġġustamenti tal-valur addizzjonali mnaqqa mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-valur ta' aġġustament kif imsemmi fil-paragrafu 3 abbażi tal-pożizzjonijiet kollha li huma assenjati lill-istess post tan-negozjar. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu bidlijiet fil-valur tal-aġġustament biss fid-data li fiha jiġi kkalkolat l-aġġustament.
5. Minbarra l-esklużjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b), u (c), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mill-kalkolu tal-bidlijiet reali fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, aġġustament li jiġi kkalkolat fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum f'settijiet ta' pożizzjonijiet assenjati lil aktar minn post tan-negozjar wieħed fuq bażi netta, fejn jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) dak l-aġġustament ikun, minħabba n-natura tiegħu, ikkalkolat fuq bażi netta f'settijiet ta' pożizzjonijiet li jkunu assenjati lil aktar minn post tan-negozjar wieħed;
- (b) il-ġestjoni interna tar-riskju ta' dak l-aġġustament tkun konsistenti mal-livell li fih jiġi kkalkolat l-aġġustament;
- (c) l-istituzzjoni kkonċernata tiddokumenta dan kollu li ġejj:
 - (i) is-settijiet ta' pożizzjonijiet li fihom jiġi kkalkolat l-aġġustament;
 - (ii) ir-raġunament li jsostni l-kalkolu tal-aġġustament fis-settijiet ta' pożizzjonijiet imsemmija fil-punt (i);
 - (iii) il-ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' kalkolu tal-aġġustament abbażi tal-pożizzjonijiet assenjati lil dak il-post tan-negozjar biss.

Artikolu 2

Elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet reali fil-valur tal-portafoll għar-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv imwettqa fil-livell tal-istituzzjoni

1. Għall-finijiet tal-ittestjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidliet reali fil-valur tal-portafoll billi jużaw l-istess tekniki, inklużi l-istess metodi ta' pprezzar, il-parametrizzazzjonijiet tal-mudell u d-data tas-suq, bħal dawk użati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum, inklużi r-riżultati tal-verifika indipendenti tal-prezz imsemmija fl-Artikolu 105(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
2. Meta jikkalkolaw il-bidliet reali fil-valur tal-portafoll, l-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-bidla fil-valur ta' dak il-portafoll, li huma dovuti għall-mogħdija taż-żmien.
3. Meta jikkalkolaw il-bidliet reali fil-valur tal-portafoll, f'dak il-valur l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-aġġustamenti kollha li jkunu ġew ikkunsidrati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum imsemmi fil-paragrafu 1 u li huma relatati mar-riskju tas-suq, bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti kollha li ġejjin:
 - (a) aġġustamenti fil-valutazzjoni tal-kreditu li jirriflettu l-valur attwali tas-suq tar-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet għall-istituzzjoni;
 - (b) aġġustamenti attribwiti għar-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni li jkunu ġew esklużi mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 33(1), il-punt (b) jew (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (c) aġġustamenti tal-valur addizzjonali mnaqqsa mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidla fil-valur tal-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 3 abbażi ta' waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-pożizzjonijiet kollha li jkunu assenjati għall-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (b) il-pożizzjonijiet kollha soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.
5. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu bidliet fil-valur tal-aġġustament biss fid-data li fiha jiġi kkalkolat l-aġġustament.

TAQSIMA 2
**ELEMENTI TEKNIĊI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIL-BIDLJET IPOTETIĊI FIR-
REKWIŻITI TAL-VALUR TAL-PORTAFOLL**

Artikolu 3

Elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidlijiet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għar-rekwiżiti ta' ttestjar retrospettiv imwettqa fil-livell ta' postijiet tan-negozjar

1. Għall-finijiet tal-ittestjar retrospettiv tal-post tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 325bf(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidlijiet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar billi jużaw l-istess tekniki, inklużi l-istess metodi ta' pprezzar, il-parametrizzazzjonijiet tal-mudell u d-data tas-suq, bħal dawk użati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum, mingħajr ma jitqiesu l-ebda tariffa u kummissjoni.
2. Meta jikkalkolaw il-bidlijiet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar, l-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-bidlijiet fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negozjar li jkunu dovuti għall-mogħdija taż-żmien bl-istess mod li jirriflettu dawn il-bidlijiet fil-kalkolu:
 - (a) tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (b) tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' kriżi msemmi fl-Artikolu 325bk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
3. Meta jikkalkolaw il-bidlijiet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, f'dak il-valur l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu dawk l-aġġustamenti kollha li jkunu ġew ikkunsidrati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-ġurnata msemmi fil-paragrafu 1 u li huma relatati mar-riskju tas-suq, li jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kuljum, u li huma inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji tal-istituzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti kollha li ġejjin:
 - (a) aġġustamenti fil-valutazzjoni tal-kreditu li jirriflettu l-valur attwali tas-suq tar-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet għall-istituzzjoni;
 - (b) aġġustamenti attribwiti għar-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni li jkunu ġew esklużi mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 33(1), il-punt (b) jew (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (c) aġġustamenti tal-valur addizzjonali mnaqqsa mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-valur ta' aġġustament kif imsemmi fil-paragrafu 3 abbażi tal-pożizzjonijiet kollha assenjati lil dak il-post tan-negozjar. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu bidlijiet fil-valur tal-aġġustament abbażi ta' tqabbil bejn il-valur tal-aġġustament ta' tmiem il-jum u, jekk wieħed jassumi pożizzjonijiet mhux mibdula fil-portafoll tal-post tan-negozjar, il-valur tal-aġġustament fi tmiem il-jum sussegwenti.
5. Minbarra l-esklużjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b), u (c), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu wkoll mill-kalkolu tal-bidlijiet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar aġġustament li jiġi kkalkolat fuq bażi netta fil-proċess

ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum f'settijiet ta' pożizzjonijiet assenjati lil aktar minn post tan-negozjar wieħed, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) dak l-aġġustament ikun, minħabba n-natura tiegħu, ikkalkolat fuq bażi netta f'settijiet ta' pożizzjonijiet li jkunu assenjati lil aktar minn post tan-negozjar wieħed;
- (b) il-ġestjoni interna tar-riskju ta' dak l-aġġustament tkun konsistenti mal-livell li fih jiġi kkalkolat l-aġġustament;
- (c) l-istituzzjoni tiddokumenta dan kollu li ġejj:
 - (i) is-settijiet ta' pożizzjonijiet li fihom jiġi kkalkolat l-aġġustament;
 - (ii) ir-raġunament li jsostni l-kalkolu tal-aġġustament fis-settijiet ta' pożizzjonijiet imsemmija fil-punt (i);
 - (iii) il-ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' kalkolu tal-aġġustament abbażi tal-pożizzjonijiet assenjati lil dak il-post tan-negozjar biss.

Artikolu 4

Elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll għar- rekwiżiti tal-ittejtjar retrospettiv imwettqa fil-livell tal-istituzzjoni

1. Għall-finijiet tal-ittejtjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll billi jużaw l-istess tekniki, inklużi l-istess metodi ta' pprezzar, il-parametrizzazzjonijiet tal-mudell u d-data tas-suq, bħal dawk użati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum, mingħajr ma titqies l-ebda tariffa u kummissjoni.
2. Meta jikkalkolaw il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll, l-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-bidliet fil-valur tal-portafoll li jkunu dovuti għall-mogħdija taż-żmien bl-istess mod li jirriflettu dawn il-bidliet fil-kalkolu:
 - (a) tal-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (b) tal-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' kriżi msemmi fl-Artikolu 325bk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
3. Meta jikkalkolaw bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll, f'dak il-valur l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu dawk l-aġġustamenti kollha li jkunu ġew ikkunsidrati fil-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-ġurnata msemmi fil-paragrafu 1 u li huma relatati mar-riskju tas-suq, li jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kuljum, u li huma inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji tal-istituzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti kollha li ġejjin:
 - (a) aġġustamenti fil-valutazzjoni tal-kreditu li jirriflettu l-valur attwali tas-suq tar-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet għall-istituzzjoni;
 - (b) aġġustamenti attribwiti għar-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni li jkunu ġew esklużi mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 33(1), il-punt (b) jew (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (c) aġġustamenti tal-valutazzjoni addizzjonali mnaqqsa mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidliet fil-valur tal-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 3 abbażi ta' waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) dawk il-pożizzjonijiet kollha li jkunu assenjati għall-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it- Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (b) il-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

Artikolu 5

Rekwiżiti ta' dokumentazzjoni

L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politiki u proċeduri fis-seħħ li jistabbilixxu kif jikkalkolaw il-bidliet reali u ipotetiċi fil-valur ta' portafoll ta' post tan-negozjar jew fil-valur ta' portafoll f'konformità mal-Artikoli 1 sa 4 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-politiki u l-proċeduri għandu jkun fihom l-elementi kollha li ġejjin:

- (a) meta jiġi deskritt kif jiġu kkalkolati l-bidliet reali fil-valur tal-portafoll ikkonċernat, deskrizzjoni tad-differenzi bejn il-bidliet fil-valuri tal-portafoll ta' tmiem il-jum prodotti mill-proċess ta' valutazzjoni ta' tmiem il-jum u l-bidliet reali fil-valur tal-portafoll ikkonċernat;
- (b) it-tariffi u l-kummissjonijiet u kif tiġi applikata l-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 325bf(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (c) lista tal-aġġustamenti kollha, li tispeċifika għal kull aġġustament dawn kollha li ġejjin:
 - (i) deskrizzjoni u fini tal-aġġustament;
 - (ii) il-metodoloġija u l-proċess użati għall-kalkolu tal-aġġustament;
 - (iii) il-frekwenza tal-kalkolu tal-aġġustament u, meta l-frekwenza tkun inqas minn kuljum, ir-raġuni għal tali frekwenza;
 - (iv) jekk l-aġġustament ikunx sensittiv għar-riskju tas-suq;
 - (v) is-settijiet ta' pożizzjonijiet li fihom jiġi kkalkolat l-aġġustament u r-raġunijiet għat-twettiq tal-kalkolu f'dawn is-settijiet;
 - (vi) jekk u kif ir-riskju li jirriżulta mill-bidliet fl-aġġustament ikunx iħħeġġjat b'mod attiv u liema post jew postijiet tan-negozjar ikunu responsabbli għal tali ħħeġġjar;
 - (vii) jekk u kif l-aġġustament jitqies fil-bidliet reali fil-valur tal-portafoll ikkonċernat għall-finijiet tal-ittestjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-ittestjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 325bf(6) ta' dak ir-Regolament;
 - (viii) jekk u kif l-aġġustament jitqies fil-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ikkonċernat għall-finijiet tal-Artikoli 325bf u 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u deskrizzjoni ta' kif tiġi kkalkolata l-bidla fl-aġġustament jekk jiġu preżunti pożizzjonijiet mhux mibdula fil-portafoll.

KAPITOLU 2
SPEĊIFIKAZZJONI TEKNIKA TAR-REKWIŻIT TAL-ATTRIBUZZJONI TAL-PROFITTI
U T-TELF

TAQSIMA 1
IL-KRITERJI MEĦTIEĠA BIEX JIĠI ŻGURAT LI L-BIDLJET TEORETIĊI U L-BIDLJET
IPOPETIĊI FIL-VALUR TAL-PORTAFOLL TA' POST TAN-NEGOZJAR IKUNU QIRIB
BIŻŻEJJED U L-KONSEGWENZI GĦALL-POSTIJJET TAN-NEGOZJAR LI MA
JISSODISFAWX DIK IL-KUNDIZZJONI

Artikolu 6

Rekwiżiti ġenerali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 325bg(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw, għal portafoll partikolari ta' post tan-negożjar partikolari, il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, u l-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov stabbilita fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament u, abbażi tar-riżultati ta' dawk il-kalkoli, japplikaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Meta, skont dawk il-kriterji, il-bidlijiet teoretiċi u l-bidlijiet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negożjar ma jkunux qrib biżżejjed, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-konsegwenza stabbilita fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jallinjaw il-punt taż-żmien (ħin tal-istampa) li għalih jikkalkolaw il-bidlijiet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar mal-ħin tal-istampa li għalih jikkalkolaw il-bidlijiet ipotetiċi f'dak il-valur.

Artikolu 7

Kalkolu tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament billi jwettqu l-passi li ġejjin fl-ordni li ġejja:
 - (a) huma għandhom jiddeterminaw is-serje kronoloġika tal-osservazzjonijiet tal-bidlijiet ipotetiċi u teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar għall-aktar 250 jum ta' xogħol riċenti;
 - (b) mis-serje kronoloġika tal-bidlijiet ipotetiċi u teoretiċi msemmija fil-punt (a), l-istituzzjonijiet għandhom jipproduċu s-serje ta' żmien korrispondenti tal-gradji f'konformità mal-paragrafu 2, filwaqt li jittrattaw is-serje kronoloġika tal-bidlijiet ipotetiċi u teoretiċi bħala s-serje ta' żmien tal-orijini;
 - (c) huma għandhom jikkalkolaw il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman f'konformità mal-formula li ġejja:

$$r_s = \frac{cov(R_{HPL}, R_{RTPL})}{\sigma_{R_{HPL}} \cdot \sigma_{R_{RTPL}}}$$

Fejn:

R_{HPL} = is-serje kronoloġika tal-gradji prodotta mis-serje kronoloġika tal-bidlijiet ipotetiċi msemmija fil-punt (b);

R_{RTPL} = is-serje kronoloġika tal-gradji prodotta mis-serje kronoloġika tal-bidliet ipotetiċi msemmija fil-punt (b);

σ_{RHPL} = id-devjazzjoni standard tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{HPL} ikkalkolata f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (a);

σ_{RTPL} = id-devjazzjoni standard tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{RTPL} ikkalkolata f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (b);

$COV(R_{HPL}, R_{RTPL})$ = il-kovarjanza kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (c), bejn is-serje kronoloġika tal-gradji R_{HPL} u R_{RTPL} .

2. L-istituzzjonijiet għandhom jipproduċu s-serje kronoloġika tal-gradji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), minn serje kronoloġika tal-orijini billi jwettqu l-passi li ġejjin fl-ordni li ġejja:

- (a) għal kull osservazzjoni fis-serje kronoloġika ta' orijini, l-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu l-għadd ta' osservazzjonijiet b'valur aktar baxx minn dik l-osservazzjoni f'dik is-serje kronoloġika;
- (b) l-istituzzjonijiet għandhom jittikkettaw kull osservazzjoni bin-numru li jirriżulta mill-kalkolu stabbilit fil-punt (a) miżjud b'wieħed;
- (c) fejn, b'riżultat tat-tikkettar f'konformità mal-punt (b), żewġ osservazzjonijiet jew aktar ikunu ttikkettati bl-istess numru, l-istituzzjonijiet għandhom ukoll iżidu n-numri ta' dawk it-tikketti bil-frazzjoni li ġejja:

$$\frac{(N - 1)}{2}$$

fejn N hija ugwali għall-kwantità tat-tikketti bl-istess numru;

- (d) l-istituzzjonijiet għandhom iqisu is-serje kronoloġika tat-tikketti miksuba f'konformità mal-punti (b) u (c) bħala serje kronoloġika ta' gradji.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw id-devjazzjoni standard tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{HPL} f'konformità mal-formula stabbilita fil-punt (a), id-devjazzjoni standard tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{RTPL} f'konformità mal-formula stabbilita fil-punt (b), u l-kovarjanza bejn dawk is-serje kronoloġiċi f'konformità mal-formula stabbilita fil-punt (c) kif ġej:

$$(a) \quad \sigma_{RHPL} = \sqrt{\frac{\sum_{i=1}^{250} (R_{HPLi} - \mu_{RHPL})^2}{249}};$$

$$(b) \quad \sigma_{RTPL} = \sqrt{\frac{\sum_{i=1}^{250} (R_{RTPLi} - \mu_{RTPL})^2}{249}};$$

$$(c) \quad COV(R_{HPL}, R_{RTPL}) = \frac{\sum_{i=1}^{250} (R_{HPLi} - \mu_{RHPL})(R_{RTPLi} - \mu_{RTPL})}{249};$$

Fejn:

i = l-indiċi li jindika l-osservazzjoni fis-serje kronoloġika tal-gradji;

R_{HPLi} = l-osservazzjoni 'i-th' tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{HPL} ;

μ_{RHPL} = il-medja tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{HPL} ;

R_{RTPLi} = l-osservazzjoni "i-th" tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{RTPL} ;

μ_{RTPL} = il-medja tas-serje kronoloġika tal-gradji R_{RTPL} .

Artikolu 8

Kalkolu tal-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov imsemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament billi jwettqu l-passi li ġejjin fl-ordni li ġejja:
 - (a) huma għandhom jiddeterminaw is-serje kronoloġika tal-aktar 250 jum ta' xogħol riċenti ta' osservazzjonijiet tal-bidliet ipotetiċi u teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar;
 - (b) huma għandhom jikkalkolaw il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva empirika tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar mis-serje kronoloġika tal-bidliet ipotetiċi msemmija fil-punt (a);
 - (c) huma għandhom jikkalkolaw il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva empirika tal-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar mis-serje kronoloġika tal-bidliet teoretiċi msemmija fil-punt (a);
 - (d) huma għandhom jiksbu l-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov billi jikkalkolaw id-differenza massima bejn iż-żewġ distribuzzjonijiet kumulattivi empiriċi kkalkolati f'konformità mal-punti (b) u (c) fi kwalunkwe valur possibbli ta' profitt u telf.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-funzjoni ta' distribuzzjoni empirika miksba minn serje kronoloġika għandha tiġi mifhuma bħala l-funzjoni li, jekk jitqies kwalunkwe numru bħala input, tirriżulta fil-proporzjon tal-għadd ta' osservazzjonijiet fis-serje kronoloġika b'valur aktar baxx min-numru tal-input, jew daqsu, għall-għadd totali ta' osservazzjonijiet fis-serje kronoloġika.

Artikolu 9

Speċifikazzjoni tal-kriterji meħtieġa biex jiġi żgurat li l-bidliet teoretiċi u l-bidliet ipotetiċi fil-valur ta' portafoll ta' post tan-negożjar ikunu qrib biżżejjed

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 325bg(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull wieħed mill-postijiet tan-negożjar bħala post ta' żona ħadra, oranġjo, safra jew ħamra f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5.

Meta post tan-negożjar jiġi kklassifikat bħala post ta' żona ħadra, bidliet teoretiċi u l-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' dak il-post tan-negożjar għandhom jitqiesu qrib biżżejjed.

Meta post tan-negożjar ikun ikklassifikat bħala post ta' żona oranġjo, safra jew ħamra, bidliet teoretiċi u l-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' dak il-post tan-negożjar ma għandhomx jitqiesu qrib biżżejjed.
2. Post tan-negożjar għandu jiġi kklassifikat bħala "post ta' żona ħadra" meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman għall-post tan-negożjar, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, ikun akbar minn 0,8;
 - (b) il-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov għall-post tan-negożjar, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, tkun inqas minn 0,09.
3. Post tan-negożjar għandu jiġi kklassifikat bħala "post ta' żona ħamra" meta tiġi ssodisfata xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:
 - (a) il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Spearman għall-post tan-negożjar, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, ikun inqas minn 0,7;

- (b) il-metrika tat-test ta' Kolmogorov-Smirnov għall-post tan-negozjar, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, tkun akbar minn 0,12.
- 4. Post tan-negozjar għandu jiġi kklassifikat bħala "post ta' żona oranġjo" meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-post tan-negozjar ma jkunx ikklassifikat jew bħala post ta' żona ħadra jew bħala post ta' żona ħamra;
 - (b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-pożizzjonijiet kollha assenjati lil dak il-post tan-negozjar ikunu ġew ikkalkolati fit-trimestru preċedenti abbażi tal-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- 5. Post tan-negozjar li ma jkunx ikklassifikat bħala post ta' żona ħadra, oranġjo jew ħamra, għandu jiġi kklassifikat bħala "post ta' żona safra".

Artikolu 10

Konsegwenzi għall-postijiet tan-negozjar li jkunu kklassifikati bħala uffiċċji ta' żona safra, oranġjo jew ta' ħamra

1. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-approċċ alternattiv ta' mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negozjar li jkunu ġew ikklassifikati bħala ħomor, oranġjo jew sofor f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għandhom jikkalkolaw, fir-rigward ta' dawk il-pożizzjonijiet, ħlas addizzjonali kapitali f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{Ħlas addizzjonali kapitali} = k \cdot \max\{SA_{ima} - IMA_{ima}; 0\}$$

Fejn:

k = kif speċifikat fil-paragrafu 2;

SA_{ima} = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq ikkalkolati f'konformità mal-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern alternattiv fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

IMA_{ima} = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq ikkalkolati f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-koeffiċjent k għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$k = 0.5 \cdot \frac{\sum_{i \in NG} SA_i}{\sum_{i \in ima} SA_i}$$

Fejn:

SA_i = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq ikkalkolati f'konformità mal-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-pożizzjonijiet kollha attribwiti lill-post tan-negożjar "i";

$i \in NG$ = l-indiċijiet tal-postijiet tan-negożjar kollha li jkunu ġew ikklassifikati bħala ħomor, oranġjo jew sofor f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament fost dawk li għalihom ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq jiġu kkalkolati f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, tat-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

$i \in ima$ = l-indiċijiet tal-postijiet tan-negożjar kollha li għalihom ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq jiġu kkalkolati f'konformità mal-approċċ tal-mudell intern alternattiv stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negożjar li jkunu ġew ikklassifikati bħala postijiet ta' żona ħamra jew oranġjo f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għandhom jinformat lill-awtorità kompetenti b'dan meta jirrapportaw ir-riżultati tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf f'konformità mal-Artikolu 325az(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 2013/575.

Artikolu 11

Frekwenza tal-valutazzjoni ta' konformità mar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf

L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf fuq bażi trimestrali għall-postijiet tan-negożjar kollha li għalihom dawk l-istituzzjonijiet ikollhom il-permess imsemmi fl-Artikolu 325az(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-użu ta' mudelli interni.

TAQSIMA 2

ELEMENTI TEKNIĊI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIL-BIDLJET TEORETIĊI U IPOTETIĊI FIL-VALUR TAL-PORTAFOLL TAL-POST TAN-NEGOZJAR GĦALL-FINIJIET TAR-REKWIŻIT TAL-ATTRIBUZZJONI TAL-PROFITT U T-TELF

Artikolu 12

Elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidlijiet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidlijiet teoretiċi f'valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar abbażi ta' tqabbil bejn il-valur ta' tmiem il-jum tal-portafoll u, jekk wieħed jassumi pożizzjonijiet mhux mibdula fil-portafoll tal-post tan-negożjar, il-valur ta' dak il-portafoll fi tmiem il-jum sussegwenti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidliet teoretiċi f'portafoll tal-post tan-negożjar billi jużaw l-istess tekniki, inklużi l-istess metodi ta' pprezzar, il-parametrizzazzjonijiet tal-mudell u d-data tas-suq b'hal daww użati fil-mudell tal-kejl tar-riskji.
3. Il-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar għandhom jinkludu biss il-bidliet fil-valur tal-fatturi kollha ta' riskju inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskji li għalih l-istituzzjonijiet japplikaw ix-xenarji ta' xokkijiet futuri.

Artikolu 13

Elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fil-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar għar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf

Għall-finijiet tal-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Allinjament tad-data għar-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jissostitwixxu l-valur tad-data tal-input għal fattur ta' riskju partikolari użat fil-kalkolu tal-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar bil-valur tad-data tal-input tal-istess natura għall-istess fattur ta' riskju użat fil-kalkolu tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar, dment li tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) id-differenzi fid-data tal-input ikunu dovuti għall-fatt li d-data tkun inkisbet minn fornituri differenti tad-data;
 - (b) id-differenzi fid-data tal-input ikunu dovuti għall-fatt li d-data tal-input tiġi estratta mis-sors tad-data tas-suq f'ħinijiet differenti matul l-istess jum ta' negożju.
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 325bg tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jissostitwixxu l-valur ta' fattur ta' riskju użat fil-kalkolu tal-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar bil-valur tal-istess fattur ta' riskju użat fil-kalkolu tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar fejn dawn il-kundizzjonijiet kollha jiġu ssodisfati:
 - (a) il-fattur ta' riskju użat fil-kalkolu tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar ma jikkorrispondix direttament mad-data tal-input;
 - (b) il-fattur tar-riskju jkun ġie derivat mid-data tal-input bl-użu ta' tekniki tas-sistemi ta' valutazzjoni użati għall-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar;
 - (c) l-ebda waħda mit-tekniki tas-sistemi ta' valutazzjoni msemmija fil-punt (b) ma tkun ġiet mibnija mill-ġdid fis-sistemi ta' valutazzjoni użati fil-mudell tal-kejl tar-riskji sabiex jiġi derivat il-valur tal-fattur tar-riskju li jintuża fil-kalkolu tal-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar.

Artikolu 15

Rekwiżiti ta' dokumentazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri li jstabbilixxu kif jikkalkolaw il-bidliet teoretiċi f'konformità mal-Artikoli 12 u 14 ta' dan ir-

Regolament, li għandu jkun fihom spjegazzjoni ta' kif il-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar jiġu kkalkolati għal fatturi ta' riskju li jistgħu jiġu mmudellati u dawk li ma jistgħux.

2. Meta jfasslu l-proċeduri għall-allinjament tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawn it-tnejn li ġejjin:
 - (a) huma għandhom iqabblu l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar mingħajr l-allinjamenti msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament mal-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll tal-post tan-negożjar mal-allinjamenti msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u għandhom jiddokumentaw dak it-tqabbil;
 - (b) huma għandhom jivvalutaw l-effett tal-allinjamenti fuq il-metriċi tat-testijiet użati għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżit tal-attribuzzjoni tal-profit u t-telf imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 ta' dan ir-Regolament u jiddokumentaw dik il-valutazzjoni.
3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw kwalunkwe aġġustament, imwettaq f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, għad-data tal-input għall-fatturi ta' riskju fil-kalkolu tal-bidliet teoretiċi fil-portafoll tal-post tan-negożjar, kif ukoll ir-raġunament għal tali aġġustamenti.

TAQSIMA 3

REKWIŻITI TA' FONDI PROPRI KKALKOLATI F'KONFORMITÀ MAL-APPROĊĊ ALTERNATTIV TAL-MUDELL INTERN

Artikolu 16

Kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq skont l-approċċ alternattiv tal-mudell intern għall-istituzzjonijiet li għandhom postijiet tan-negożjar

L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-*Titolu IV*, tal-*Kapitolu 1b* tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-pożizzjonijiet assenjati lil xi wħud mill-postijiet tan-negożjar tagħhom għandhom jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-pożizzjonijiet kollha tagħhom fil-portafoll tan-negożjar u għall-pożizzjonijiet kollha tagħhom fil-portafoll mhux tan-negożjar li jiġġeneraw riskji ta' kambju jew komoditajiet barranin bħala s-somma tar-riżultati tal-formuli stabbiliti fil-punti (a) u (b) kif ġej:

$$(a) \min\{IMA_{ima} + \text{Capitalsurcharge} + C_U; SA_{alldesks}\}$$

$$(b) \max\{IMA_{ima} - SA_{ima}; 0\}$$

Fejn:

IMA_{ima} = IMA_{ima} kif speċifikat fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

SA_{ima} = SA_{ima} kif speċifikat fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

Ħlas addizzjonali kapitali = il-*ħlas addizzjonali kapitali* kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

C_U = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Parti Tlieta, it-*Titolu IV*, tal-*Kapitolu 1a* tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-portafoll ta' pożizzjonijiet mhux assenjati lill-postijiet tan-negożjar li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq f'konformità mal-approċċ

alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1b, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

SA_{il-postijiet kollha} = ir-reqwiziti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq tal-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negożjar u l-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negożjar li jiġġeneraw riskji tal-kambju jew tal-komoditajiet f'konformità mal-approċċ alternattiv tal-mudell intern stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, tal-Kapitolu 1a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.6.2022

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN